MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Numru 288/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**NICHOLAS SCICLUNA**

**Illum 2 ta' Gunju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Nicholas Scicluna ta' 35 sena bin Micheal u Eileen Scicluna, imwieled newport, Wales, nhar is-26ta' Frar 1969 u li joqghod 3B st. Peter's Court, Resort Street, St. Paul's Bay. I.D. 461885M, gie akkuzat:

Talli f' tas-Sliema, nhar il-5 ta' Ottubru 2003, ghall – habta tas-1.00pm, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta. Pierre Grixti, kif iccertifika Dr. P. De Gabriele M.D.. (2) Talli ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta Roberta Cesareo, kif ikkertifika Dr. N. Debono M.D. (3) Talli ukoll fl-istess data, hin,lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn LM500, ghad-detriment ta' Pierre Grixti u Roberta Cesareo.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. FM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li ser jaghmel tajjeb ghall-hsarat kollha sofferti minn Pierre Grixti u Roberta Cesareo fl-ammont komplessiv ta' Lm615.50 u dan fi zmien tlett xhur millum.

Inoltre innutat li fl-istess Verbal Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-parte civile iddikjarat li qeghda taccetta din il-modalita` ta' hlas u l-ammont imsemmi.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 221 (1), 222 (1) (a) u 325 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Nicholas Scicluna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-Fedina Penali netta tal-imputat, li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li ser jaghmel tajjeb ghall-hsarat kollha sofferti minn Pierre Grixti u Roberta Cesareo fl-ammont komplessiv ta’ Lm615.50, u dan fi zmien tlett xhur millum u li fl-istess Verbal Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-parte civile ddikjarat li qeghda taccetta din il-modalita` ta’ hlas u l-ammont imsemmi, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti torbot lill-imputat Nicholas Scicluna b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Pierre Grixti u lil Roberta Cesareo ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Nicholas Scicluna l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------